MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1160/2003

**Raymond Spiteri**

**vs**

**Topserv Limited**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm436.96) rapprezentanti drittijiet professjonali ghal servizzi forniti mill-attur lis-socjeta' konvenuta.
Bl-imghax dekorribbli mill-5 ta' Frar 2003 ( cioe' id-data tal-ahhar kont) u bl-ispejjes.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm436.96), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------